MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 20/2009

John u Elizabeth konjugi Mizzi

vs

Louis Attard

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-29 ta' Mejju 2009, li jaqra hekk :-

'Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2329.37) ekwivalenti ghal elf lira Maltija l-qadima (Lm1000) ta' mitejn metru (200m) wire tal-main illi huwa xtara minghand l-atturi fit-tlettax (13) ta' Dicembru 2006, skond dokument A anness ;

Illi l-konvenut baqa' ma hallas qatt anke' wara li l-atturi ghamlu diversi kuntatti mieghu ;

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut baqa' inadempjenti u naqas li jhallas l-ammont dovut ;

Illi ghalhekk l-atturi jridu li l-konvenut jigu kkundannat ihallas dan l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2329.37), bl-imghax legali mit-tlettax (13) ta' Dicembru elfejn u sitta (2006) sad-data tal-hlas relattiv, l-ispejjez ta' din il-kawza, l-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008), kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-artikolu 166A numru 37/2009.' ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-14 ta' Ottubru 2009, eccepixxa :-

'1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza oralment ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Bazikament f'dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi (€2329.37), li skond huma huwa l-prezz tal-bejgh li sar lill-konvenut ta' *cable main* ta' tul ta' mitejn metru (200m). In sostenn tal-pretensjoni taghhom l-atturi

esebew skrittura li giet iffirmata mill-konvenut li ggib id-data tat-13 ta’ Dicembru 2006 li tghid hekk :

‘*Louis Attard xtara minn ghandi, John Mizzi, wire tal-main ta’ mitejn (200m) metru tul, biex jintuza fil-barriera ghal skop ta’ generazzjoni ta’ dawl biex jithaddmu l-ingenji ghall-qtugh ta’ gebel mill-barriera. Il-prezz ghadu jrid jigi miftiehem skond il-prezzijiet tal-lum. Ghaldaqstant Louis Attard ghadu ma hallasx lil John Mizzi ta’ dan l-imsemmi wire*.’ ;

Illi kemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini tal-artikolu 2148(b), kif ukoll dik fil-meritu jridu jigu ezaminati fid-dawl tad-dikjarazzjoni msemmija jekk sarx ftehim bejn il-partijiet fuq il-prezz li qed jintalab ihallas il-konvenut, u fin-nuqqas jistax jinghad li n-negozju ta’ bejniethom giex konkjuz u l-bejgh perfezjonat ;

Huwa principju bazilari li l-bejgh hu perfett bejn il-partijiet u, kwantu ghal bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej (art. 1347 tal-Kap.16). Inghad li ‘la vendita` e’ perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo” tant illi “la proprieta` dalla cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita.’ [Kollez. **Vol.XX.iii.29**] ;

Dan it-Tribual ezamina bir-reqqa l-provi kollha, u jirrizulta li kemm id-dikjarazzjoni ta’ Louis Attard tat-13 ta’ Dicembru 2006, saret fis-sens li l-prezz ‘*ghadu jrid jigi miftiehem*’, kif ukoll kien l-istess attur John Mizzi li fix-xhieda tieghu ddikjara li ‘*meta jiena ftiehemt mal-konvenut biex inbieghelu l-cables u kien talabni prezz, jiena kont ghidtlu : Hallieh, imbaghad naraw. Kien imbaghad sussegwentement meta kien gie staqsieni fuq cable iehor li kont tajtu dan il-cable, u kien rega’ talabni prezz u jiena prezz ma tajtux*’. U fuq domanda li saritlu minn Dr. Kevin Mompalao in kontro-ezami fuq jekk huwa qattx akkorda prezz mal-konvenut fuq il-bejgh ta’ dawn il-*cables*, l-attur wiegeb kategorikament li ‘*le qatt ma akkordajt*’. Inghad li

'il-bejgh mhux perfett jekk ma jsirx ftehim fuq il-prezz. U l-prezz ghandu jkun cert, ghalkemm f'certi kazijiet jista' jkun injorat mill-partijiet jew minn xi wahda minnhom fil-mument tal-kontrattazzjoni, izda ghandu jkun cert, stabbilit, u specifikat mill-partijiet .' [**Kollez. Vol.XXXIV.ii.525**]. Inghad ukoll illi 'Minghajr prezz ma hemmx vendita'; u ma jistax jinghad li hu prezz dak li ma jirrivestix, flimkien maz-zewg kondizzjonijiet l-ohra, li jkun veru u cert, il-kondizzjoni li jkun jikkonsisti fi flus.' [**Kollez. Vol.XXXIX.i.425**] ;

L-attur stess jistqarr li dan il-*cable* kien ilu ghandu jaghmel uzu minnu fil-barriera tieghu madwar ghaxar snin meta ddecieda li jikkonsenjah lill-konvenut, u l-prezz ta' dan il-*cable* iffissah l-attur wahdu minn jeddu sussegwentement wara li kienu nqalghu xi kwistjonijiet bejn il-partijiet u ma kienux baqghu jitkellmu. L-attur kien stabbilixxa l-prezz billi kkalkula l-prezz ta' dan il-*cable* fuq kwart tal-prezz li kieku l-*cable* kellu jinxtara gdid. L-artikolu 1353(1) tal-Kap.16 jaghmilha cara li l-prezz ghandu jigi stabbilit 'mill-partijiet' u mhux minn parti wahda jew l-ohra. F'dan il-kaz, il-prezz li qed jitlob l-attur kien iffissah hu wahdu, kif wara kollox jikkonferma wkoll dan il-fatt il-konvenut. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax iqis il-bejgh li hu wiehed perfett skond il-ligi ;

Ghalhekk t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma pretisa in kwantu msejsa fuq il-pretisa tal-bejgh mhijiex sostenibbli, u ma tistax tigi milqugha salv u mpregudikata kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi *si et quatenus* biex jirkupraw l-*cable* mighand il-konvenut ;

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, la darba l-bejgh ma huwiex wiehed perfett, din l-eccezzjoni hija ghalhekk insostenibbli billi dik il-preskrizzjoni hija applikabbli fir-rigward ta' azzjonijiet ta' kredituri <u>ghall-prezz ta' oggetti mobbli mibjugha</u> bl-imnut, u ghalhekk fin-nuqqas ta' bejgh perfett ma ddekorrietx il-preskrizzjoni hawn kontemplata. Skond l-insenjament tal- **Giorgi** (Obbligazione, Vol. VIII p.594) l' *initium praescriptionis* jibda mill-*exordium obligationis*, cjoe' minn meta l-kreditu jibda jsir esigibbli. Hekk per ezempju

jissucciedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perijodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara fir-rigward sentenzi fl-ismijiet **Caterina Gerada et vs Dr. Antonio Caruana noe**, Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969; **Bartolomeo Xuereb vs Carmelo Zammit**, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994 u **PL John Privitera nomine vs PL Ivo Galea et**, Qorti tal-Appell, 1 ta' Dicembru, 2000 ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' l-eccezzjoni fil-meritu u jichad it-talba tal-atturi salv kull azzjoni ohra spettanti lill-istess atturi skond il-ligi *si et quatenus* biex jirkupraw l-*cable* li kien gie minnhom ikkonsenjat lill-konvenut ;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------